# PROFESSJONISTI U EZORCISTI
## DR.DAVID CASSAR M.D.,D.Psych.,B.C.Psych (Lond)
## Consultant Psychiatrist.

Il-htiega ta' hidma flimkien tal-ezorcisti u professjonisti.

Jiena nemmen hafna fix-xoghol ta' flimkien. Meta nies b'kapacitajiet differenti jinghaqdu flimkien igibu izjed gherf, solidarjeta' u kapacita' li wiehed jista' jaghmel differenza f'hajja ta' bniedem iehor.

Ahna nghidu 'kemm hu mportanti li bniedem ikun b'sahhtu'. Meta l-ghaqda dinjija tas-sahha titkellem fuq is-sahha tghid li din trid tkun **psikologika, fisika u socjali**.
Ghandna bzonn li nahdmu flimkien. Il-bniedem jista' jikkomunika b'diversi modi. Bniedem li mhux fil-paci mieghu nnifsu jista' jhoss anki ugiegh fisiku u jmur ghand tabib. Pero il-brimba ma tkunx dan, imma propju din in-nuqqas ta' paci fil-qalb tieghu. Ghalhekk hemm min ikollu problemi spiritwali u jmur ghand tabib u ghandek persuni bi problemi fisici u jmorru ghand is-sacerdot. U ghalhekk il-bzonn li nahdmu flimkien.

PSIKOSI: dawn huma persuni maqtughin mir-realta' u jaghmlu esperjenza ta' biza', u minhabba f'hekk gieli jehduhom ghand sacerdot. Jistghu ikunu nies li jismghu ilhna jew jaraw xbiehat jew igibu ruhhom b'modi strambi hafna (jitkellmu b'xi lingwa), jaghmlu atti strambi. Dawn in-nies jista' jkun li jkunu qed ibatu minn psikosi. Ikun hemm nerviturі fil-mohh li mhumiex jahdmu sew. Ghalhekk ikun hemm problema fisika u din il-problema fisika qed taffetwahom hazin hafna. Jekk it-tyroyd tkun qed tahdem baxx jew gholi u allura titfa' ftit jew hafna hormose fil-mohh, il-persuna tista' tghaddi minn psikosi (anki fil-kas ta' zokkor jew astma qawwija u jekk tkun tiehu xi medicina). Huwa ghalhekk tant essenzjali li nahdmu flimkien.

DEPRESSION: Hemm hafna kwalitajiet ta' depression (diffikultajiet f'hajtek). Hemm depressions illi huma purament marda. Ezempju meta jonqos jew jizdied id-dawl u jistghu jaslu anki ghal suwicidju. Dawn jistghu anki jibdew jisimghu vucijiet.

ISTERIZMU: Persuni b'ansjeta' kbira. Nies li minhabba l'ansjeta jesperjenzaw tibdil f'mohhom jew gisimhom li jwassalhom ghall-hsieb li huma mahkuma mix-xitan.

SKRUPLI: huma persuni li jghaddu minn sofferenza enormi. Hi kundizzjoni fejn sustanza fil-mohh ma tkunx qed tigi prodotta u ghalhekk ma jahdmux sew in-nervituri.

Nies li ghaddew minn abbuzi, rabja kbira li qed tifnihom, problemi fil-hajja tal-familja, problemi ta' flus jew xoghol ecc..

Dan ihallina fi bzonn kbir ta' team work. Ghax jiena ghandi kapacitajiet mod u inti iehor. Meta qed tghin bniedem b'firxa ta' bzonnijiet ma tistax tittekiljah wahdek.

Terz mid-dinja kollha f'xi hin jew iehor tas-sena tghaddi minn mument li jkollha bzonn l-ghajnuna minhabba problemi ta' sahha mentali.

Bniedem li jkun qed isofri hafna hafna hu f'riskju ta' suwicidju. 10% ta' dawk bil-psikosi jaghmlu suwicidju (anki dawk b'depression qawwija).

Minn dawn naraw kemm hu mehtieg li nahdmu flimkien u li nghaqqdu l-iskills taghna differenti biex nghinu lil dik il-persuna. Hemm xi haga li hi hafna importanti fina u din hi li naghtu appogg lil xulxin minhabba l-*pressure* li nkunu fih. Kultant kas ikun tqil u jkollok bzonn ta' appogg.

Kultant anki waqt ezorcismu ikun hemm bzonn prezenza ta' tabib minhabba li l-persuna tkun qed tbati. Hafna drabi, anki jekk dak li tkun ghaddejja minnu l-persuna huwa ghandu kawza spiritwali imma l-persuna tkun ghaddejja wkoll minn pressure u wgiegh mentali u ghalhekk ikollha bzonn ta' kura. Barra minn hekk, hafna drabi f'dawn il-kazijiet mhux biss tbati il-persuna imma wkoll dawk kollha ta' madwaru. Ghalhekk ikollhom bzonn kura biex jistriehu mit-tensjoni qawwija.
Ghalhekk hu mportanti hafna li jkun hemm kollaborazzjoni shiha bejn l-ezorcista u l-professjonista anki sabiex ikun jista' jsir dixxerniment ahjar fuq dak li l-persuna hi ghaddejja minnu u ghalhekk tkun tista' tigi mghejuna b'mod shih u fuq kull livell: uman, fiziku, psikologiku u spiritwali. Il-bniedem huwa 'olistiku' u ghalhekk irid jigi meghjun fuq il-livelli kollha tal-hajja tieghu.